



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0381/2012

16.11.2012

RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (00000/2012 – C7-0000/2012 – 2012/2242(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Francesca Balzani

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	6

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (00000/2012 – C7-0000/2012 – 2012/2242(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea għall-Enerġija Atomika,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ (ir-Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, adottat b'mod definittiv fl-1 ta' Diċembru 2011²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda³,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni⁴, u b'mod partikolari l-paragrafu 2 tagħha,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-approprijazzjonijiet ta' pagament maqbula mit-tliet istituzzjonijiet fil-qafas tal-proċedura baġitarja 2012;
 - wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, li l-Kummissjoni ressqtiu lill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Settembru 2012 (COM(2012)0536),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 adottata mill-Kunsill fil-.././2012 (00000/2012, C7-0000/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0381/2012),
- A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 jirrigwarda l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetá tal-UE (EUSF) għal ammont ta' EUR 670 192 359 f' approprijazzjonijiet ta'

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU L 56, 29.2.2012.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2012)0232.

impenn u ta' pagament bi rbit mas-sensjela ta' terremoti fl-Emilia-Romagna, l-Italja, f'Mejju 2012,

- B. billi l-iskop tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit 2012, u li l-linja baġitarja 16 05 03 01 – Azzjoni preparatorja – Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 tiġi modifikata biex is-"sing" għall-pagamenti fil-linja jiġi sostitwit b'entrata *pro memoria* (p.m.) biex ikunu jistgħu jsiru l-pagamenti finali,
- C. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012, kif imressaq mill-Kummissjoni, ippropona żieda fil-livell ta' approprijazzjonijiet ta' pagament, fid-dawl tan-nuqqas globali ta' approprijazzjonijiet ta' pagament għall-2012,
- D. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2012, rigward mobilizzazzjoni oħra tal-Fond ta' Solidarjetà, il-Parlament iddeplora bil-qawwa, għall-każ speċifiku tal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, il-fatt li l-fergħa l-oħra tal-awtorità baġitarja kienet ħalliet 8 ġimgħat jgħaddu qabel ma adottat il-pożizzjoni tagħha, u żammet mal-interpretazzjoni tagħha tal-Protokoll 1 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (skadenza għall-informazzjoni tal-parlamenti nazzjonali),
 - 1. Jieħu nota tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012 kif imressaq mill-Kummissjoni;
 - 2. Iqis li hija ħaġa importanti ħafna li jsir rilaxx rapidu tal-assistenza finanzjarja permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal dawk affettwati minn katastrofi naturali, u għalhekk jilqa' bi pjaċir il-preżentazzjoni fil-pront mill-awtoritajiet Taljani tal-applikazzjoni tagħhom għal assistenza finanzjarja mill-EUSF, kif ukoll il-preżentazzjoni fil-pront mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha għall-mobilizzazzjoni tal-EUSF;
 - 3. Jistieden lill-partijiet involuti kollha fl-Istati Membri, jiġifieri kemm dawk fil-livell lokali kif ukoll dawk fil-livell reġjonali, u lill-awtoritajiet nazzjonali, biex ikomplu jtejbu l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-koordinazzjoni għal applikazzjonijiet potenzjali futuri għall-EUSF bil-għan li jħaffu, kemm jista' jkun, il-mobilizzazzjoni tal-EUSF;
 - 4. Itenni bil-qawwa t-talba tiegħu lill-Kunsill biex ma jippreġudikax dawn l-isforzi favur it-twassil aktar fil-pront tal-assistenza tal-UE permezz ta' kwalunkwe posponiment indebitu tad-deċiżjoni tiegħu rigward kwistjoni sensittiva u urġenti bħal din;
 - 5. Ifakkar li għall-mobilizzazzjoni preċedenti tal-Fond (Baġit Emendatorju Nru 2/2012 għall-għargħar ta' Ottubru 2012 fil-Ligurja u fit-Toskana), l-awtorità baġitarja ma kellhiex għalfejn tipprovdi flejjes ġodda peress li nstabu xi sorsi mhux mistennija għal riallokazzjonijiet fl-ammont meħtieġ; jissottolinja li n-nuqqas attwali ta' approprijazzjonijiet ta' pagament, li diġà jaffettwa għadd ta' programmi, b'mod partikolari dawk li fuqhom jiddependi ħafna l-Patt għat-Tkabbir u l-Impjieggi adottat mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Ġunju 2012, jeskludi b'mod strett li tiġi prevista xi riallokazzjoni bħal din f'dan il-każ;
 - 6. Japprova, bla ma jemenda, il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2012;
 - 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-

Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	15.11.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Jaroslav Paška, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds